MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2008

Numru 380/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian Joseph Abdilla)**

**Vs**

**Martin Pirotta**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijet li permezz taghhom Martin Pirotta ta' 29 sena, bin Paul u Antonia nee' Galea, imwieled Pieta' fid-19 t'Awissu 1975, u li joqghod f' Numru 14, Triq il-Kuncizzjoni, Marsa. Detentur tal-Karta ta' l-Identita Numru 427475M.

Billi huwa akkuzat talli fit-28 ta' April 2005 u fil-granet u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi

zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

a. Iffalsifika biljetti tal-flus kif ukoll mexxa biljetti tal-flus falsifikati, liema biljetti tal-flus falsifikati huma ta' flus Maltin, meta kien jaf li huma falsifikati;
b. U aktar talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi, minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza leggittima jew ragonevoli xtara jew irceva minghand xi persuna, kif ukoll kellu fil-pussess tieghu, biljetti tal-flus Maltin falsifikati, meta kien jafu li l-istess huma falsifikati;
c. U aktar talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi folox, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' anqas minn LM100 ghad-dannu ta' Auto Market Service Station ta' Haz-Zebbug, diversi pompi tal-petrol ohra tas-sidien ta' l-istess pompi tal-petrol;
d. U aktar talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi, ikkommetta serq ta' diesel u petrol minn diversi petrol stations, fosthom Auto Market Service Station ta' Haz-Zebbug, u pompi ohra, ghad-dannu tas-sidien ta' l-istess pomp ital-petrol u persuni ohra, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-hin u bil-lok;
e. U aktar talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mob li jkun indahal biex imexxihom jew ibieghhom;

U b'hekk l-akkuzat Martin Pirotta sar recidiv a termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tigi mibdual;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota tar-Rinviju tieghu datata 6 ta' Marzu, 2006 (Ara fol. 70 tal-Process) u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat, fl-ezami tieghu li sar fis-Seduta tallum wiegeb li hu hati tal-akkuzi a., b., c. u tar-recidiva kif korretta.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi a., b., c. u tar-recidiva kif korretta.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-akkuzi d. u e. inghataw bhala akkuzi alternattivi ghall-akkuza c. u ghaldaqstant talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija akkuzi d. u e. migjuba konta l-imputat.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-istess Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-Prosekuzzjoni ma tinsistix ghall-konfiska tal-vettura esebita formalment bhala Dok. IJA20 u tal-gizirana esebita materjalment bhala Dok. IJA18.

Inoltre innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li peress li f'din il-kawza ma gewx inkorsi spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu

konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija talba tal-Prosekuzzjoni kontenuta fl-Akkuza.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 18, 23, 308, 309, 310 u 49 tal-Kap. 9 u l-artikoli 45 u 46 tal-Kap. 204 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Maritn Pirotta, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi a., b., c. u tar-recidiva kif korretta u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundanna lill-istess imputat Martin Pirotta ghall-piena komplessiva ta’ tmien mitt Euro (Euro 800) multa.

Rigward l-akkuzi d. u e. migjuba kontra l-imputat Martin Pirotta, fid-dawl ta’ dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward dawn l-akkuzi u kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjui tal-imsemmija akkuzi d. u e. migjuba kontra l-imputat Martin Pirotta.

Fid-dawl ta’ dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal  Prosekutur u kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza rigward it-talba tal-Prosekuzzjoni maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fl-Akkuza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din l-imsemmija talba.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna l-konfiska u kif ukoll id-distruzzjoni tal-oggetti esebiti bhala Dok IJA1, Dok IJA3, Dok IJA6, Dok IJA9, Dok IJA13 u Dok IJA24 u ghal fini ta’ tali distruzzjoni tinnomina lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali (Malta) biex jaghmel tali distruzzjoni fil-presenza ta’ rappresentant tal-Gvernatur tal-Bank Centrali u wara r-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali ghandu jaghmel Rapport dwar tali distruzzjoni u jippresentah fir-Registru ta’ din il-Qorti sabiex jigi inserit fl-atti ta’ din il-kawza.

Finalment il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-Sentenza tigi notifikata lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali (Malta).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------